MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1011/2005

Azrow International Co. Ltd. (C-26895)
vs
Frank Cachia; u
Anne Marie Schembri; u
C.M.A. (Projects) Limited (C-30283); u
B.A.S. Limited (C-444)

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici Azrow International Co. Ltd. *r*ceviet hawn Malta merkanzija minghand socjeta’ Franciza, liema merkanzija kienet destinata sabiex tigi konsenjata lil terzi wara li din tircievi l-hlas miftiehem;

Illi l-imsemmija merkanzija li waslet Malta bin-numru tal-*airway bill* 643 CDG 0613 0784, kienet fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta B.A.S. LTD;

Illi l-konvenuti Frank Cachia u Ann Schembri fit-30 ta' Marzu, 2005 permezz ta' dokument iffalsifikat u minghajr ebda awtorizzazzjoni pproducew dokument f'isem is-socjeta` attrici u taw istruzzjonijiet lil B.A.S. Ltd sabiex din tillibera l-merkanzija;

Illi l-konvenuti Frank Cachia u Ann Schembri permezz ta' dokument iehor datat 30 ta' Marzu, 2005 ghan-nom tas-socjeta` C.M.A. (Projects) Limited taw struzzjonijiet lil B.A.S. Ltd sabiex din tipproduci polza ta' karigu li turi li l-istess merkanzija qed tigi konsenjata minn C.M.A. (Projects) Limited lis-socjeta` estera Libyan Trade and Construction Company gewwa Tripoli, Libja;

Illi s-socjeta` B.A.S. Ltd b'negligenza u b'agir irresponsabbli pproduciet din il-polza ta' karigu u permezz ta' dan id-dokument il-merkanzija giet esportata lis-socjeta` Libjana ghal insaputa tas-socjeta` attrici li kienet is-sid ta' l-istess merkanzija;

Illi rizultat ta' dan kollu l-merkanzija tas-socjeta` attrici giet misruqa u mibjuha lil terzi ghad-dannu ta' l-istess socjeta` li baqghet minghajr il-hlas tal-merkanzija dovut lilha minghand is-socjeta` li maghha kien sar in-negozju.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Lulju, 2005 sabiex jersqu ghall-hlas ta' USD229,825 (mitejn u disgha u ghoxrin elf tmien mija u hamsa u ghoxrin dollari amerikani) cirka Lm81,000 (wiehed u tmenin elf lira) rapprezentanti l-valur tal-merkanzija, izda dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk giet prezentata din il-kawza;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. tiddikjara lil konvenuti, jew min minnhom, hatja ghad-dannu tas-socjeta` attrici b'agir frawdolenti u rresponsabbli, misappropriazzjoni ta' propjeta` ta' terzi u falsifikazzjoni ta' dokumenti;

2. tikkundanna lil konvenuti, jew min minnhom, ihallsu bhala danni lis-socjeta` attrici s-somma ta’ USD229,825 (mitejn u disgha u ghoxrin elf tmien mija u hamsa u ghoxrin dollari amerikani) cirka Lm81,000 (wiehed u tmenin elf lira), jew ammont iehor verjuri, bl-imghax legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali sal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` B.A.S. Ltd. li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` B.A.S. Ltd. huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici *stante* li kif ser jirrizulta waqt il-kawza s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda tort jew htija ghad-danni allegatament riskontrati mis-socjeta` attrici u ghalhekk ma jista’ jkollha ebda responsabbilta` lejha;

2. Illi inoltre s-socjeta` konvenuta tichad kategorikament l-allegazzjonijiet tas-socjeta attrici li s-socjeta` B.A.S. Ltd. agixxiet b’negligenza u/jew b’mod frawdolenti u rresponsabbli u/jew illi kkommettiet misappropriazzjoni ta’ proprjeta’ ta’ terzi u falsifikazzjoni ta’ dokumenti;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici ghad trid tipprova li sofriet id-danni minnha reklamati;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` B.A.S. Ltd.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Anne Marie Schembri li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-konvenuta kienet impjegata tas-socjeta` C.M.A. (Projects) Limited u ghaldaqstant kwalunkwe struzzjonijiet li setghet qatt tat jew kwalunkwe dokumenti li setghet qatt iffirmat, gew maghmulin minnha fuq struzzjonijiet tas-superjuri taghha, u mhux minn jeddha;

2. Illi *di piu`* u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta dejjem agixxiet f'isem is-socjeta` attrici bl-awtorizzazzjoni verbali ta' l-istess, b'dan illi kwalunkwe dokument li seta' gie ffirmat kif ukoll kwalunkwe struzzjonijiet li setghu nghataw mill-istess konvenuta, saru f'isem is-socjeta` attrici *qua* impjegata tas-socjeta` agenti taghha C.M.A. (Projects) Limited;

3. Illi *di piu`* u minghajr pregudizzju ghall-premess, m'hemm l-ebda ness guridiku bejn l-agir tal-konvenuta u d-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici. Fil-fatt, id-danni kagunati m'huma bl-ebda mod imputabbli lill-konvenuta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta tichad l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li l-istess agixxiet b'agir frawdolenti u irresponsabbli, u li kkommettiet misapproprjazzjoni ta' proprjeta` ta' terzi u falsifikazzjoni ta' dokumenti;

5. Illi in ogni kaz, is-socjeta` attrici trid tipprova li effettivament sofriet id-danni allegati minnha;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta Anne Marie Schembri.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta C.M.A. (Projects) Limited u Frank Cachia li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante*` li l-konvenuti C.M.A. (Projects) Limited u Frank Cachia dejjem agixxew f'isem is-socjeta` attrici bl-awtorizzazzjoni verbali tal-istess, b'dan illi kwalunkwe dokument li seta' gie ffirmat kif ukoll kwalunkwe struzzjonijiet li setghu inghataw mill-konvenuti, saru f'isem is-socjeta` attrici *qua* agenti taghha;

2. Illi *di piu*` u minghajr pregudizzju ghall-premess, m'hemm l-ebda ness guridiku bejn l-agir tal-konvenuti u d-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici. Fil-fatt, id-danni kagunati m'huma bl-ebda mod imputabbli lill-konvenuti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess *semmai* l-ammont mitlub huwa eccessiv *stante* li l-merkanzija meritu ta' din il-kawza kienu biss l-ghaxar *transmitters* imsemmija fl-*invoice* anness mac-citazzjoni u markat bhala Dok 13 illi effettivament inxtraw mis-socjeta` attrici, u jekk *dato ma non concesso* din kellha tithallas ghal xi merkanzija, kellha tithallas biss u limitatament ghall-valur ta' l-imsemmija *transmitters*. Il-kumplament tal-merkanzija nxtrat fil-fatt mill-konvenuti mis-*suppliers* taghhom stess;

4. Illi *in ogni* kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, mill-ammont totali ta' l-*invoice* imsemmi, 80% biss huwa dovut skond il-*letter of credit* originali. L-20% l-ohra huma dovuti biss jekk u meta s-socjeta` konvenuta CMA (Projects) Ltd. tiddeciedi li titlobhom. Fil-fatt l-istess socjeta` ghada sal-lum ma thallsitx taghhom, b'dan illi t-talba hija ghal darba ohra eccessiva;

5. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk *dato ma non concesso* jigi dikjarat illi l-ammont mitlub huwa dovut mill-konvenuti, dan gja gie saldat fl-intjier tieghu *stante* li s-socjeta` attrici rriteniet pagamenti li kienu effettivament dovuti lill-istess konvenuti;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li l-merkanzija giet misruqa

u mibjugha lil terzi hija inkorretta, in kwantu li l-maggior parti tal-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta` Libjana Libyan Trade and Construction Company (dak li ma giex konsenjat gie mizmum fuq struzzjonijiet tas-socjeta` Libjana stess), u fl-ebda mument ma kien hemm serq tal-merkanzija msemmija;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti jichdu l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li l-istess agixxew b'agir frawdolenti u rresponsabbli, u li misapproprjazzjoni ta' proprjeta` ta' terzi u falsifikazzjoni ta' dokumenti;

8. Illi in ogni kaz, is-socjeta` attrici trid tipprova li effettivament sofriet id-danni allegati minnha;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti C.M.A. (Projects) Limited u Frank Cachia

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi fl-4 ta' Dicembru, 2012 din il-Qorti wara li kienet giet mitluba mill-konvenuti biex tordna l-isfilz ta' l-affidavit ta' Yousef Mohamed Elazzabi, wara li ezaminat bi-reqqa l-process u rat l-opportunitajiet li kellu Elazzabi li jkun prezenti ghall-kontro-ezami izda baqa' inadempjenti, iddecidiet li tordna l-isfilz ta' l-affidavit ta' Elazzabi.

Xehed Ray Buttigieg, *General Manager* ma' BAS Limited (fol 86 sa 89) li semma li s-socjeta` attrici kienet ghamlet tranzazzjoni u tawhom il-*go ahead* biex jigbru d-dokumenti minghand l-Air Malta izda x-xoghol kien wasal f'isem il-Fimbank u ma setghux jigbru d-dokumenti. Id-dokumenti

ngabru minn Anne Schembri f'isem is-socjeta` attrici. L-istruzzjonijiet gew moghtija lilhom minn Frank Cachia u Anne Schembri ghan-nom tas-socjeta` attrici. Wara l-imsemmija Schembri tathom struzzjonijiet biex f'isem l-attrici jibghatu x-xoghol il-Libya. La hu u anqas l-impjegati ta' BAS Limited qatt ma ltaqghu ma' Elazzabi hlief xi erba' (4) xhur wara li kien sar ix-*shipment*. Esebixxa diversi dokumenti. Semma li meta jkollok id-dokumenti originali bit-timbru originali tkun tista' tirrilaxxja x-xoghol. Peress li Schembri u Cachia gabulhom id-dokumenti originali ma kellhomx ghalfejn ta' provi ulterjuri. Il-hlas dovut lilhom ta' din it-tranzazzjoni kien sar minn Frank Cachia f'isem kumpanija jisimha Plumelec. Ir-ricevuta pero` xorta harget fuq C.M.A. Limited.

Xehed Renald Theuma, *Senior Vice President* fil-Fimbank u qal li s-socjeta` attrici hija klijenta tal-Fimbank u kellha diversi tranzazzjonijiet ta' kummerc internazzjonali u principalment kien jidher Elazzabi li ma jghix Malta izda jkun spiss f'Malta. Fin-nuqqas tieghu kien hemm perjodu li kienu jitkellmu ma' Frank Cachia ghax kien jawtorizzahom hu. Kienu jafu li dan Cachia jassistih u kemm-il darba ltaqa' ma' Cachia li kien jidher ghall-attrici.

Xehed Roderick Azzopardi, li jahdem bhala *Supervisor* ma' Fimbank. Dan gharaf id-dokument a fol 15 tal-process bhala *airway bill* ghat-trasport bl-ajru u hu kien iffirma bhala firmatarju tal-Fimbank. Dan kien gie konsenjat lill-attrici.

Xehed Frank Cachia li kkonferma li hu d-direttur ta' CMA li kienet irceviet ordni minn klijent fil-Libja biex jissupplixxu *transmitters* u kienet fethitilhom *letter of credit* fil-bank taghha fit-Tunisia. Elazzabi kien jaghmilha ta' intermedjarju mas-*supplier*. Spjega d-dettalji dwar il-kaz.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti tirrileva li s-socjeta` attrici ma pproduciet l-ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghha. Kienet ipprezentat affidavit tar-rapprezentant taghha Yousef Mohamed Elazzabi. In segwitu dan gie sfilzat b'ordni tal-Qorti ta' l-4 ta' Dicembru, 2012. Ripetutament ma dehrux

la l-attur jew xi rapprezentant ghall-kumpanija, u anqas il-konsulent legali.

Illi Ray Buttigieg, *General Manager* ta' BAS Limited xehed li kienu nkarigawh Cachia u Schembri biex jigbor il-merkanzija mill-Airmalta izda d-dokument kien intestat lil Fimbank u gie rilaxxat mill-bank lil Cachia u Schembri. Kienet l-imsemmija Schembri li ghaddiet id-dokument lil BAS Limited ghar-rilaxx tal-merkanzija mpurtata gewwa Malta. In segwitu l-imsemmija Schembri u Cachia taw struzzjonijiet lil BAS Limited biex tesporta x-xoghol fil-Libja. Dejjem kienu Schembri u Cachia li rrapprezentaw lis-socjeta` attrici. Dan kien semma li Schembri u Cachia kellhom id-dokumenti originali tat-trasport. Kien biss xi erba' (4) xhur wara l-esportazzjoni li Elazzabi avvicina lil Buttigieg ghall-ewwel darba u nfurmah li Schembri u Cachia ma kienux awtorizzati jirrapprezentaw lil Azrow.

Ghalhekk irrizulta li fiz-zmien in kwistjoni Cachia kien effettivament gie mqabbad jiggestixxi x-xoghol ta' l-attrici u li Cachia u Schembri (li kienet tahdem ma' Cachia) kellhom fil-pussess taghhom id-dokument tat-trasport bl-ajru originali konsenjat lilhom mill-Fimbank biex jirrilaxxaw il-merkanzija. Kif issottomettiet B.A.S. Limited:
"Illi apparti minn hekk jirrizulta wkoll li din ma kenitx l-ewwel darba li l-BAS gie mqabbda tmexxi merkanzija ghal Azrow mill-istess Cachia u Schembri. Gie ppruvat ukoll li apparti lil Azrow, Cachia u Schembri kienu wkoll jirrapprezentaw lill-kumpanija konvenuta CMA…

Illi kif inhu risaput il-mandatarju li jagixxi ghan-nom tal-principal tieghu jorbot lill-principal u jkun prezunt li jkun qed jagixxi fil-limiti ta' l-awtorizazzjoni - *omnia presumuntur rite esse acta* - u jekk dan ikun mar oltre l-poteri moghtija lilu mill-principal tieghu, din tkun biss kwistjoni interna li tista' twassal li l-mandatarju (fil-kaz odjerna Cachia u/jew Schembri) jkun passibbli ghad-danni."

Minn dan jirrizulta li B.A.S. Limited ma tistax titqies li agixxiet b'xi *dolo* jew negligenza.

Jigi osservat li l-attrici ma ressqet ebda provi ta’ dannu jew tal-*quantum* taghhom. Dan anqas fir-rispett tal-konvenuti l-ohra Frank Cachia, C.M.A. u Anne Marie Schembri. Infatti dan jirrizulta car mix-xhieda ta’ Frank Cachia oltre ghall-fatt li l-attrici m’hemm ebda provi hlief id-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni u li dwarha l-Qorti tista’ tghid li Elazzabi qatt ma deher ghall-iskop tal-kontro-ezami.

Illi huwa ovvju li jinkombi fuq l-attrici li taghmel il-provi taghha, li fil-kaz in ezami dan ma sarx. Hawn anqas ghandha kaz ta’ verzjonijiet konfliggenti ghax prattikament verzjoni wahda hemm. Certament il-bilanc ta’ probabilitajiet u verosimiljanza tal-provi hija ma’ tal-konvenuti (ara **MiddleSea Insurance vs Sammut**, Appell Inferjuri, 26/03/2004). Il-Qrati jimxu mal-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Grech vs NMJ Co. Ltd.**, Appell Inferjuri, 14/01/2004; u **Bugeja vs Meilak**, 30/10/2003, fejn il-Prim’Awla tal-Qorti Civili qalet:
“f’sitwazzjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa imbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg versjonijiet “mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *'in dubio pro reo'*[1]*”.*

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u naturalment tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

[1] Grech vs NMJ CO. LIMITED Appell Civili Inferjuri (14/01/2004) u Bugeja v Meilak 30/10/2003 Qorti Civili Prim’ Awla

---------------------------------TMIEM---------------------------------